TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru. 59

Kaz Nru. 64

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
is-Sur Emanuel Debono
u
Messrs. Marina Hotel, Sliema.

Data : 11 ta' Dicembru, 1979.

Chairman : C.J. Mallia.

Fis-17 t'Awissu, 1979, is-Sur Emanuel Debono ilmenta bil-miktub li huwa kien gie mkecci ngustament mill-impieg tieghu mal-Marina Hotel. Ghalhekk, fit-28 ta' Awissu, 1979, il-Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali, taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, irreferiet dan il-kaz lil dan it-Tribunal.

2. Il-partijiet. L-applikant, is-Sur Emanuel Debono, kien assistit mis-Sur Frans Coleiro, Segretarju tas-Sezzjoni Lukandi, Ikel u Haddiema Allejati tal-General Workers' Union. Ghall-Marina Hotel, deher is-Sur George Schembri, LHCIMA, General Manager.

3. Smigh u xhieda. Il-kaz instema' f'erba' seduti, u instemghu bil-gurament dawn ix-xhieda:

Is-Sur Joseph Attard, Kap ta' l-Industrial Relations Section tad-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni, msejjah mit-Tribunal stess.

Is-Sinjura Carmela Debono, mart l-applikant, migjuba minnhu.

Is-Sur Emanuel Debono stess.

Is-Sur Carmel Tabone, Dish-washer fil-Marina Hotel, migjub mill-Management tal-lukanda.

Is-Sur Bernard Camenzuli, Assistant Manager fl-istess hotel, migjub mill-lukanda wkoll.

4. Il-kaz. Is-Sur Emanuel Debono kien gie mpjegat fil-Marina Hotel, bhala Still-Room Attendant, fit-30 ta' Mejju, 1975. Skond li "statement of case" tieghu stess, it-tkeccija tieghu, fil-25 ta' Lulju, 1979, grat ghaliex huwa gie akkuzat li kellu fid-dustbin xi hobz li kien tajjeb u setgha jintuza. Dan, wahdu, jidher nuqqas trivjali. Barra minn hekk, kmieni fil-kaz it-Tribunal fehem li kollox kien kwazi gie solvut, ghaliex id-ditta kienet offriet li tiehu lill-impjegat lura; tant illi l-Ministru tax-Xoghol kienet talbet li ghal dan jigi rringrazzjat il-Management ghan-nom taghha.

5. L-offerta li jehduh lura. Niddisponu l-ewwel minn din l-offerta, li qajjmet certu ammont ta' argument bejn l-impjegat u l-Management. Is-Sur Joseph Attard, Kap tal-Industrial Relations Section tad-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni, gie msejjah mit-Tribunal ezattament biex jiccara dan l-aspett inizjali tal-kaz. Huwa qal li, fil-kompitu tieghu li jirrikoncilja l-partijiet f'tilwima ndustrijali, hu kien wasal biex is-Sur Luke V. Gauci, proprjetarju tal-Marina Hotel, qabel li jerga' jiehu lura lis-Sur Debono, fl-istess Marina Hotel (wara li ghal l-ewwel kien offrielu band'ohra, cioe' fil-Wembley Ice Cream Factory), bi tlett kondizzjonijiet:

(a) Li s-Sur Debono jaghmel apologija.

(b) Li d-Dipartiment tax-Xoghol jaghti twissija lis-Sur Debono.

(c) Li z-zmien li s-Sur Debono kien ghamel barra mix-xoghol jitqies minghajr paga.

Intqal mis-Sur Coleiro, ghan-nom tas-Sur Debono, li din l-offerta ma gietx milqugha ghaliex kieku accettaha s-Sur Debono kien ikun qed jammetti tort u jitlef paga bla htija.

6. Il-kwistjoni tal-hobz. Il-partijiet ma qablux dwar kif irreagixxa Mr. Debono meta s-Sur Gauci u s-Sur Schembri darba filghaxija qabduh qed igerfex fid-dustbin. Is-Sur Debono qal li l-hobz li kien hemm,fid-dustbin, taht il-karti, ecc., kien tal-gurnata ta' qabel u huwa pprezuma li xi hadd irmieh fid-dustbin (ara "statement of case" tas-Sur Debono, bid-data 18 ta' Ottubru, 1979). Il-Management, minn naha l-ohra, qal

(i) li l-hobz u bziezen kienu tajbin u friski;

(ii) li Mr. Debono qalilhom li ma kienx baqa' hobz, ghall-guests li kienu ghad iridu jieklu, u hekk kien; u

(iii) li Mr. Debono qal li hu kien tefa' l-hobz u bziezen shah fil-bin ghax kienu niexfa (stale).

Ghal dawn it-tlett punti tal-Management, ara t-tieni paragrafu ta' li -"statement of case " tal-Marina Hotel, bid-data 18 ta' Ottubru, 1979. Hawn huwa mportanti li wiehed jinnota li dawn it-tlett punti, li ghandhom pis konsiderevoli ghal kaz,

(a) la l-Management ma ppruvahom kollha - - - - il-punt (i) biss gie ppruvat bix-xhieda tas-Sur Bernard Camenzuli; u

(b) anqas l-applikant ma kkontestahom validament.

7. <u>"Instructions" dwar hobz</u>. Il-lukanda tinsisti li kien hemm "strict instructions" li hobz ma kellhu jintrema qatt fir-rubbish bins, anqas jekk jinxef, jekk mhux bil-permess tal-General Manager. Sahansitra bicciet tal-hobz imhollija fil-platti kellhom jithallew f'kaxxex ghall-klieb. Dan mill-applikant u mix-xhieda ma giex ikkontestat.

8. <u>Akkuzi ohra u twissijiet</u>. Fli-"statement of case" taghha, il-Marina Hotel qalet li s-Sur Debono kien inghata hafna twissijiet bil-kliem u darbtejn bil-miktub (kopji ta' dawn gew esibiti). Dawk bil-miktub, it-tnejn kmieni dis-sena ,kienu jsemmu refrigerator mhux imnaddaf u platti u pozati mhux mahsula sewwa. Issemmew ukoll fliexken tal-halib mhux mahsula, u ntqal li dik inhar ta' l-incident tal-hobz is-Sur Debono tpastas mal-Management. Is-Sur Bernard Camenzuli xehed li "warnings" kienu inghataw lis-Sur Debono hafna drabi.

9. <u>Konkluzjonijiet</u>. Naslu mela ghal dawn il-konkluzzjonijiet li gejjin:

(1) Ghad li hemm indizji kontra s-Sur Debono, ma ngabux provi diretti li l-hobz fid-dustbin poggieh hu.

(2) L-incident tal-hobz ma kienx l-unika raguni ghat-tkeccija, imma ghalaq biss sensiela ta' lmenti kontra dan l-impjegat, li wasslet il-Management biex ikeccih.

(3) Kieku s-Sur Debono accetta li jmur jahdem fil-Wembley Ice Cream Factory hu ma kienx jitlef paga.

(4) L-offerta li jerga' jidhol jahdem mal-Marina Hotel, li l-Management ghamel lil Mr. Debono fuq talba tal-Ministru tax-Xoghol, ma kienetx iebsa zejjed, avolja kien fiha skuza, twissija, u telf ta' paga, meta wiehed ihares lejn l-imgieba ta' qabel ta' Mr. Debono.

10. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal.

Kif inhu maghruf, dan it-Tribunal isostni, anke fuq normi internazzjonali ta' l-I.L.O. (International Labour Office), li l-impieg huwa sagru, u ghalhekk jista' jigi michud biss ghal raguni jew ragunijiet serja u bizzejjed. Izda huwa l-kaz li mhux biss l-employers imma anke l-impjegati dan jifmuh sewwa, u jibzghu huma wkoll ghall-impieg, li jfisser ghajxien. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal u gie ppruvat quddiemu, it-Tribunal kieku jkun inklinat li jaqta' li s-Sur Emanuel Debono jerga' jmur jiehu cans iehor fl-impieg tal-Marina Hotel, bla ebda kumpens ghal paga mitlufa (li s-Sur Debono stess setgha salvaha). Dan il-hsieb lit-Tribunal jigih fl-interess ta' relazzjonijiet industrijali tajba, u l-aktar ghaliex l-employer stess darbtejn offra li j... jerga' jiehu lill-applikant lura, u mhux ghaliex huwa car li l-applikant gie mkeccinminghajr ebda gustifika.

11. AWARD. Izda, fid-dawl ta' l-artikolu 33 (1) (b), ta' l-att Nru XXX ta' l-1976, kif ukoll ta' l-artikolu 32 (1) li taht dan ta' l-ahhar tmexxija tajba fil-lukandi hija essenzjali ghat-turizmu, it-Tribunal ma jhossx li jkun prattikabbli li l-applikant jerga' jidhol fl-impieg li kellhu mal-Marina Hotel. Ghalhekk ma jsibx favur l-applikant Mr. Emanuel Debono, u b'hekk jaghlaq din il-kwistjoni tax-xoghol.

(C.J. Mallia)
Chairman
11 ta' Dicembru, 1979.

(A. Bartolo Parnis)
Segretarju

em